# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2255

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2664/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Ronald Azzopardi**

**u**

**Roosendaal Hotels Ltd**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hija ingusta.**

Illum 3 ta' Dicembru 2013

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors tar-rikorrenti Ronald Azzopardi pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-23 ta' Frar 2009, u ffirmat mill-avukat Mark Busuttil.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-Rikors tieghu ir-rikorrent jghid li huwa kien gie impjegat full-time fil-lukanda immexxija mis-sojceta intimata Roosendaal Hotels Ltd bhala *Kitchen Helper/Dishwasher*, meta imbaghad l-impieg tieghu gie terminat minghajr ebda raguni valida fil-ligi u b'mod abbuziv fit-23 ta' Ottubru 2009, u mhux fis-26 ta' Ottubru 2009. Jghid li t-tkeccija ma kinitx ghal raguni tajba u sufficenti fil-ligi u ghalhekk talab rimedju.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, ir-rikorrent spjega kif huwa kien jahdem fil-Plevna Hotel u fl-24 t'Ottubru 2008 kien *off* meta cemplitlu certa Christine Demicoli mill-lukanda li qaltlu li riditu jmur ghax-xoghol dak il-hin biex tkellmu; hu qalilha li ma setax imur u talabha tghidlu li kellha tghidlu fuq it-telefon; hi wegbitu li jekk ma kienx ser imur dak il-hin seta' ma jmur qatt izjed. Ir-rikorrent prova jaqbad lill-manager izda ma rnexxilux – dan l-anqas wiegbu

ghal sms li baghatlu.  Aktar tard cempel biex jiccekkja l-hin tar-*roster* tieghu ghall-ghada, izda qalulu li ma kienx fuq il-lista, u cioe` ma kienx qed jinghata aktar xoghol.  L-ghada huwa xorta mar u staqsa lill-manager ghalxiex ghamlulu hekk, izda dan ma tahx raguni; battal il-*locker* u telaq.  Xi jiem wara gie infurmat li kien tkecca ghaliex naqas fl-obbligi tieghu meta ma nehhiex remettar ta' klienta u ghax ma gabx ruhu sew.  Ir-rikorrent jichad dan; huwa jghid li gieli tawh xoghol ta' store-keeper, ta' porter u anke ta' kok tal-*break-fast*.  Dwar l-incident tar-remettar, huwa jghid li s-senior waitress qaltlu biex imur inehhi r-remettar ta' turista izda huwa rrifjuta u qalilha li kien jitqazzez.  Dak il-hin hadd ma qallu li dan kien nuqqas kbir.  Jghid li qabel dan it-tmexxija tal-lukanda tant kienu kuntenti bih li kienu ziduh €12.00 biex ghamluh Stewards' Supervisor.

Is-socjeta` intimata rrispondiet b'dikjarazzjoni fejn ikkonfermat li r-rikorrent gie impjegat bhala *Kitchen Helper/Dishwasher*  fit-28 t'Apri 2006, u tghid li madankollu kull min jahdem fit-tindif tal-inhawi fejn jigi ppreparat l-ikel jissejjah hekk.  Tikkonferma wkoll li fit-23  t'April 2008 tat promozzjoni lir-rikorrent li kienet iggib maghha allowance ta' €12.00 fil-gimgha, imma l-kariga kienet ta' Head Kitchen Cleaner ghaliex ir-rikorrent kien il-fatiga li kien l-aktar ilu fl-impieg. Tghid li r-rikorrent kien inghata twissija miktuba fis-6 t'Ottubru 2008 minhabba li l-kcina ma nzammitx nadifa,  imma kien inghata diversi twissijiet verabali ohra minhabba li kien jitkellem jghajjat fil-lukanda u kultant uza anke kliem baxx, haga li fuqha kien inghata twissija miktuba f'Jannar tal-istess 2008.   Ir-rikorrent tkecca ghaliex irrifjuta li jnaddaf ir-rimettar ta' turista li kienet ma tiflahx u rremettiet fil-bieb tar-restaurant. Waqt li rrifjuta, ir-rikorrent anke ghajjat u tkellem baxx fil-prezenza tar-residenti, u di piu` sfida lill-manager ikeccih ghaliex huwa assolutament ma riedx inaddaf kif ordnat. It-tindif spicca sar mill-manager u l-*head waitress*, u meta l-ghada l-amministraturi tal-lukanda sejhulu biex ikellmuh huwa rrifjuta li jmur, u qalilhom li gialadarba kien *off*, ma riedx ikellimhom dakinhar. Kien imbaghad fis-26 ta' Ottubru 2008 li keccew lir-rikorrenti mill-impieg u baghtulu jinfurmawh permezz ta' ittra.

PRELIMINARI

Mill-bidu nett dan it-Tribunal gie infurmat li ma kien hemm ebda tama li l-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinghad li dan il-kaz ma setax jigi konkjuz fi zmien xahar peress li z-zewg nahat ressqu l-provi taghhom fuq medda ta' numru kbir ta' seduti.

IL-PROVI

Christine Demicoli xhedet bhala l-Fiancial Controller tas-socjeta` intimata, u tghid li hi u l-Managing Director jiehdu d-decizjonijiet principali fit-tmexxija tal-lukanda Plevna, mentri l-manager Matthew Ginger Littlejohn jiehu hsieb l-affarijiet ta' kuljum, assistit minn Chris Scott Tellert. Tghid li l-lukanda ghandha restaurant bil-kcina mieghu, li jservi l-breakfast u dinner, u ikel ghal nofsinhar ukoll. Hemm impjegati waiters u senior waiters, chefs u kitchen-cleaners. Matul il-jum it-tindif tar-restaurant isir mid-dipartiment tal-House-Keeping. Biex it-tindif isir ahjar, inhargu schedules dwar meta kull oggett ghandu jitnaddaf. Darba fil-gimgha taghmel rapport lill-Bord tad-Diretturi dwar l-indafa, skond kif jirrizulta. Meta gie impjegat ir-rikorrent fl-2006 il-**kitchen helper/dishwasher** kien jaghmel kull ma kien konness mal-indafa tal-kcina, inkluz il-hasil tal-art. Imma aktar tard introducew sistema fejn kien qed ikollhom haddiem apposta ghall-hasil tal-kcina li beda jissejjah **kitchen-cleaner**. Ir-rikorrent inghata dan ix-xoghol u beda jissejjah "**head kitchen cleaner**" u inghata allowance. Inghata din il-kariga ghaliex kien l-aktar wiehed li kien ilu hemm: hafna ohrajn kienu jigu ghal ftit u jitilqu. Tghid li ghall-bidu r-rikorrent beda jaghmel xogholu tajjeb izda wara ftit beda ma jaghmilx xoghol tajjeb. Din ix-xhud kienet tmur supervision fuq kulhadd, u meta kienet tilmenta mar-rikorrent dan kien igibilha xi skuza, bhal li ma lahhaqx jew li kienu jkunu l-ohrajn li hallew ix-xoghol hazin. Din il-promozjoni inghatat lir-rikorrent f'April 2008, izda imbaghad tkecca mill-impieg f'Ottubru ta' wara. Tghid li

f'dawk is-6 xhur ir-rikorrent wera li kien kapaci jaghmel ix-xoghol kollu moghti lilu, imma gieli kien jaghmlu hazin, u ta' dan tatu diversi *warnings* verbali. Tghid li r-rikorrent interessa ruhu f'xogholu imma kien jilmenta li "ma jistax ikun naghmel kollox jien". Kienet tmur ticcekkjalu xogholu regolarment u spiss ma ssiblux l-affarijiet sew: kienet tghidlu joqghod attent ghaliex ser ikollha tohroglu *warning*; din ix-xhud tikkonsidra tawn it-twissijiet bhala "*verbal warnings*" u tghid ukoll li bihom riedet taghti rendikont lil ta' fuqha. In-nuqqas fil-kcina jirrizulta mill-"internal audits" li hija kienet tikteb regolarment ghall-attenzjoni tal-management. Tghid li anke l-warnings formali jinhargu bil-miktub sabiex jingiebu ghall-attenzjoni tal-management. Ir-rikorrent kien inghata *warning* miktub fit-28 ta' Jannar 2008 talli flok kien ghal xogholu fil-kcina kien fil-bar jitkellem jghajjat u uza kliem hazin, *warning* iehor inghatalu fis-6 t'Ottubru 2008 ghax ma zammx il-kcina nadifa biz-zejjed, u *warning* finali tas-26 t'Ottubru 2008 talli rrifjuta li jnaddaf remettar, u dan bl-uzu ta' kliem hazin, ghall- liema incident ir-rikorrent gie wkoll imkecci. Tispjega kif turista rremettiet fl-entratura tar-restaurant u l-waitress marret ghar-rikorrent biex jigi jnaddfu, izda dan irrifjuta. Tghid li kull min kien prezenti qalilha li r-rikorrent beda jghajjat li huwa ma jnaddafx remettar, anqas jekk jitkecca. Peress li beda ghaddej hafna hin, ir-remettar kellha tnaddfu l-waitress Marianna Spiteri.

Din ix-xhud tispjega kif xi jum wara hija cemplet lir-rikorrent biex tkellmu fuq dan l-incident, izda hu instema' sorpriz bit-telefonata u ma kienx jaf fuq xiex riedet tkellmu. Qaltlu biex imur il-lukanda biex tkellmu u hu rrifjuta ghax kien "*off*". Tghid li hu beda jistaqsiha fuq xiex riedet tkellmu mentri hi qaltlu biss li kellu jmur hemm (folio 76), pero imbaghad hija tghid li qaltlu li riedet tkellmu fuq l-incident tal-gurnata ta' qabel u li jekk jinisisti li ma jigix ikollha tkeccih. Skond din ix-xhud huwa qalilha "mela narak fit-Tribunal." Tghid li dan kien il-jum tal-Hamis 23 t'Ottubru 2008; imbaghad il-Gimgha huwa baqa' ma resaqx lejn il-lukanda, u dakinhar iddiskutiet dan il-kaz mal-managing director li qaltilha tohrog ittra formali. Peress li la dakinhar u anqas is-Sibt ma kellhiex cans tikteb l-ittra, ghamlitha l-Hadd 26 t'Ottubru 2008. Tghid li hu minnu li r-rikorrent gieli ghamel xoghol ta' *porter* u ta' *breakfast-cook*, pero` xoghol barra

mid-duties normali jinghata biss barra mill-hinijiet normali tieghu, u jekk l-impjegat ikun irid; tieghu jithallas extra.

In kontroezami tinsisti li r-rikorrent kien *kitchen cleaner* u mhux kitchen helper kif turi l-engagement form tal-ETC dokument RH1. Tghid li fi kwalunkwe kaz kien gie spjegat lilu li xogholu kien li jnaddaf u ma jmissx ikel. Jekk f'xi okkazjonijiet ipprepara xi ikel, dan ghamlu f'hin extra meta ma kienx qed inaddaf. Tghid li l-lukand kellha *maid* ghat-tindif tar-restaurant, imma meta jispicca l-hin taghha huwa l-*kitchen cleaner* li jkollu johrog u jnaddaf. Mistoqsija tikkonsidrax il-possibilta` li r-rikorrent ihossu hazin inaddaf ir-remettar, hija tghid li iva imma l-problema aktar kienet l-arroganza li biha r-rikorrent tkellem biex jirrifjuta li jmur inaddaf. Dan seta' anke spjegah lilha meta cemplitlu. Mistoqsija x'jaghmlu meta jinqala' bzonn ta' tindif mhux fil-kcina jew fir-restaurant barra l-hin tal-house-keeping, ix-xhud tghid li jiehu hsieb il-manager u tghid li qatt ma nqala' bzonn hekk. Taccetta li fin-nuqqas tad-duty-manager hi tmexxi l-lukanda, pero ma tatix spjegazzjoni ghaliex l-incident tar-remettar haditu f'idejha meta kien hemm il-manager prezenti u seta' mexxa l-kaz hu. Sussegwentement hija tikkonferma li meta cemplet lil Ronald u talbitu jmur il-lukanda jaghti l-verzjoni tieghu, Ronald xejn ma kien preokkupat b'li gara, anzi beda jghidilha li ma gara xejn. Huwa ma semmiex x'problema seta' kellu ghal biex ma jnaddafx kif ordnat, u aktar milli ma setax imur il-lukanda biex ikellimha u jaghti l-verzjoni tieghu, huwa ma riedx imur. Tghid li skond il-prattika tal-industrija, il-kitchen-helper jew kitchen-cleaner ghandu jnaddaf kull ma jinqala' jekk ma jkunx hin li jkun hemm il-cleaners tal-house-keeping. Issa Ronald dan m'ghamlux, sfida lil ta' fuqu, u minn fuq meta hija cemplitlu biex jaghti l-verzjoni tieghu huwa ma riedx imur ikellimha ghax "ma gara xejn." Fuq mistoqsija specifka ghalxiex tikkonsidra lir-rikorrent "kitchen cleaner" meta skond il-formola tal-ETC tghid li kien "kitchen helper/dishwasher", Christine Demicoli baqghet tinsiti li dak it-titlu ifisser li jiehu hsieb l-indafa, u allura huwa cleaner. Tghid li d-duty manager Gingell Littlejohn ma kienx ghadu jahdem mal-lukanda. Tghid ukoll li normalment Ronald kien jaghmel dak li jordnawlu; pero` t-tindif kellu jaghmlu wkoll ghax dak xogholu.

L-Assistant Head Waiter Charles Zammit jiddistingwi dishwasher minn cleaner ghax l-ewwel wiehed jahsel il-platti u t-tieni jahsel l-art, pero` fil-Plevna Hotel dawn kien jaghmilhom l-istess persuna. Jghid li fil-jum tal-incident mertu tat-tkeccija huwa kien xoghol u wara li turista rremettiet Mariana marret tghid lil Ronnie imur jigbru: jghid li sema' lil Ronnie jirrifjuta, tant li spiccaw jghajtu. Semghu jghid li "Jekk trid keccuni ghax jien ma naghmlux." Fl-ahhar kellha tigbru Marianna, imma dan ma kienx sew ghaliex il-klienti ma jiehdux gost jaraw lill-waitress tnaddaf u sew minhabba l-igjene. Jghid li meta johrog kulhadd mir-restaurant, huma jarmaw l-imwejjed ghall-breakfast, pero l-art tithalla mhux imnaddfa, u l-ghada fil-ghodu kmieni jigu l-maids u jnaddfuha huma.

Il-hotel manager Matthew Gingell Littlejohn jghid li huwa kien jiltaqa' mal-impjegati kuljum fuq ix-xoghol, u jghid li kien hemm okkazjonijiet ohra fejn ir-rikorrent ma riedx jaghmel xi xoghol partikolari, u kien anke jidghi u jitkellem hazin. Jghid li kien hemm diversi okkazjonijiet ohra fejn ir-rikorrent qallu "keccuni jekk tridu taghmluli pjacir," u sema minn ghand haddiehor li r-rikorrent kien jghidha spiss. Jghid li r-rikorrent kien gieli jigi jghidlu li jkun iddispjacih li tkellem b'dak il-mod. Jghid li l-cleaners tal-House-keeping ikunu xoghol sas-6.00 ta' fil-ghaxija, u ghalhekk meta jinqala' bzonn ta' tindif wara dak il-hin iduru fuq il-kitchen cleaners, anke jekk l-oggett ikun f'xi kamra. Jghid li aghar mill-fatt li baqa' ma naddafx, Ronald uza anke lingwagg mhux accettabbli. L-ghada huwa rrefera l-kaz lil ta' fuqu, u cioe` Christine Demicoli u Karen Bugeja: huma qablu li jkellmuh halli jaghti l-verzjoni tieghu ghal dak li gara. Innota li Ronald qal lil Demicoli li ma riedx jigi ghax ma kienx imissu xoghol. Jghid li r-rikorrent gie impjegat bhala "kitchen cleaner" u kien gie spjegat lilu mill-bidu tal-impieg li kien mistenni jaghmel kull xoghol konness mal-indafa. Jghid li sa fejn jaf hu l-haddiema kollha kellhom kuntratt miktub.

Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2009 t-Tribunal ordna li s-socjeta` intimata kellha tesebixxi l-kuntratt tax-xoghol li kellu r-rikorrent, imma fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2010 il-kumpanija ddikjarat li ma kien jezisti ebda kuntratt miktub.

Il-Head waitress Marianna Spiteri xhedet li minn zmien ghal zmien kienet tqabbad lir-rikorrent jaghmel xi haga u dan jirrifjuta, u jaghmel dan bl-uzu tal-kliem vulgari. Tghid li fl-incident tar-remettar hija marret tghidlu x'gara u hu rrispondiha bit-tliet kelmiet Maltin vulgari li jfissru li ma kienx jimpurtah. Baqghet titolbu jmur inaddaf ghax ir-restaurant kien mimli u kull min ried jidhol jew johrog kellu jghaddi minn fuq ir-remettar, izda r-rikorrent ma riedx jaf. Kontra r-regolamenti tas-sanita` hija kellha tigbor ir-remettar hi.
In kontroezami din ix-xhud tinsisti b'certezza li r-rikorrent kien biss *cleaner*, u li "jekk ikun hemm xi *spilage* fir-restaurant irid johrog u jnaddfu." Minkejja li hija kienet tahdem vicin ir-rikorrent fil-hinijiet kollha tal-gurnata, hija tichad bic-certezza kollha li r-rikorrent qatt involva ruhu f'xi preparazzjoni ta' xi ikel; tghid "hid job is just a cleaner." Anzi tinsisti li anke meta jkun hemm il-maids matul il-gurnata, l-art tar-restaurant kellu jnaddafha Ronald Azzopardi. Hija tichad li semghet lill-Head Chef Lawrence Micallef jghid lil Ronald ma johrogx mill-kcina. Tghid li rat lill-manager igib barmil u mop mill-kcina imma ma tafx jekk dan kellimx lil Ronald.

Karen Bugeja, li kienet il-Managing Director bdiet tghid li lill-impjegati ma jtuhomx job-description mal-kuntratt tax-xoghol, imma jigi spjegat lilhom verbalment x'inhu xogholhom. Tghid li fil-mestier il-prattika hi li haddiema bhal Ronald jinghataw xoghol ta' tindif anke tal-art. Tghid li hija kienet darba inzertat lir-rikorrent fil-bar, flok fil-kcina, jitkellem jghajjat u juza kliem hazin: hija baghtitu lura fuq xogholu fil-kcina u widdbitu biex jitkellem bil-mod u minghajr ma jitkellem hazin. Fuq dan hargitlu warning miktub. Tghid li fl-2008 hargu sistema ta' schedules tat-tindif u lil Ronald tawh promozzjoni biex jiehu hsiebha hu; pero hafna drabi ma kienx qed jimlihom, jew ma josservahomx. Christine Demicoli kienet ticcekkja x'qed isir u kienet hi li tinnota n-nuqqasijiet. Fuq dan kienet harget *warning* miktuba ohra kontra r-rikorrent. Dwar l-ahhar incident tghid li l-ghada kellmitha Christine Demicoli li anke cemplet lir-rikorrent, izda dan ma riedx jigi. Ix-xhud qablet ma' Christine li Ronald kellu jitkecca. In kontro-ezami, hija tispjega li bhala managing director tmexxija tal-lukanda hi f'idejha, imma d-day-to-day running jaghmluh

id-*duty manager* u Mrs Demicoli (*Fianancial controller*) flimkien. Tghid li meta Demicoli qaltilha x'kien il-kaz, hija kkonsidratu bhala serju hafna u kien jimmerita tkeccija, izda ppermettiet lil Demicoli ccempel lil Azzopardi biex dan jghati l-verzjoni tieghu.

Ix-xhieda tar-rikorrent bdew jitressqu fit-25 t'Ottubru 2011 meta xhed hu. Spjega li huwa gie impjegat full-time kitchen helper/dishwasher bla kuntratt miktub f'April 2006; bhala kitchen helper kien jghin lill-kok bhal per ezempju jqaxxar il-patata, mentri bhala dishwasher jahsel il-platti u l-borom u l-apparat kollu tal-kcina. Jghid li ma jinqalax biex inaddaf remettar ghax jitqalla' u jispicca jirremetti hu ukoll; jghid li dan qad ma qalu lil ta' fuqu ghax hadd ma kien qallu li kien ser jehtieglu jaghmel dan it-tip ta' tindif. Jghid li s-soltu haga bhal din jaghmluha l-cleaners, izda fil-kaz tal-incident li wassal ghat-tkeccija dak il-hin cleaners ma kienx hemm u gaghluh jaghmilha hu. Jghid li huwa ma riedx inaddaf kif ordnat mill-head-waitress kemm ghaliex dan ma kienx xoghol li huwa gie impjegat ghalih u kemm ghaliex kien jitqalla hu stess. Jghid li Marianna giet titolbu darbtejn biex imur inaddaf ir-remettar izda hu rrifjuta kif inghad; jghid li fejn is-soltu l-manager kien jghaddi f'xi hin sal-kcina, dakinhar ma rah xejn lil hemm. Jghid li ma jemminx li l-manager spicca naddaf ir-remettar hu ghax kieku kien jigi jkellmu dak il-hin stess dwar il-problema li nqalghet; jghid li kieku l-manager gie jkellmu dwar dan huwa kien jispjegalu li r-remettar ma jaghmillux tajjeb. B'hekk huwa fehem li l-bicca giet solvuta bla problemi ta' xejn.
L-ghada kien bil-*leave* u kellu l-*birthday*: dakinhar cemplitlu Christine f'xi s-7.00 jew it-8.00 ta' fil-ghodu meta bil-kemm kien ghadu qam, u qaltlu biex imur il-lukanda dak il-hin stess; huwa ried jevita li jmur il-lukanda u staqsiha x'riedet, izda din ma qaltlux ghalxiex imma sempliciment qaltlu li jekk ma jmurx il-lukanda dak il-hin kien ser jitkecca, u qatghetlu. Haseb li ahjar ikellem lill-manager peress li kellu aktar kunfidenza mieghu: cempillu izda wara li l-mobile beda jcempillu, dan qataghlu. Imbaghad baghtlu sms, izda l-manager ma rrispondihx. Sar fil-ghaxija u cempel il-lukanda biex jistaqsi ghar-*roster*

ghall-ghada s-Sibt, izda qalulu li ma kienx ghadu fuq il-lista, li kien ifisser li ma kienx ser jinghata aktar xoghol.  Ghalhekk l-ghada fil-ghodu mar il-lukanda biex ibattal il-locker, u meta kien hemm ra lill-manager u staqsih ghalxiex gie mkecci;  jghid li l-manager baxxa rasu u ma qallu xejn.  Imbaghad xi jiem wara mar il-Labour Office u dawn staqsew ghalxiex twaqqaf mix-xoghol, izda hu ma kienx jaf iwiegeb, u cempel il-lukanda minn hemmhekk stess u Christine qaltlu li gie mkecci.  Meta staqsiha ghalxiex hi qaltlu li tal-Labour Office m'ghandhomx ghalfejn ikunu jafu, pero` huwa kien ser jircievi ittra d-dar – fil-fatt l-ittra tat-tkeccija rceviha dakinhar stess. Meta xhed f'okkazjoni ohra, ir-rikorrent insista li ma kienx minnu li fuq it-telefon Christine Demicoli qaltlu dwar xiex riedet tkellmu: jghid li sempliciment qaltlu li riditu jmur il-lukanda biex tkellmu, u meta qalilha li ma setax imur hija qaltlu li jew imur dak il-hin stess jew ma jmur qatt, u qabdet u qatghetlu.

Jghid li Christine Demicoli kienet tkun trid tmexxi kollox hi: anke semplicement roster tal-haddiema, il-manager kien ikun irid juriha lilha; kien ikollu jgib il-permess taghha ghal kull decizjoni.  Jghid li wara xi zmien fl-impieg huwa gie promoss ghal supervisor, u kien ikun irid izomm nota tat-tindif li jkun sar minnu u mill-ohrajn;  jghid li meta kien ikun *off* dawn in-notamenti ma kienux jinzammu;  Christine kienet ilmentatlu fuq dawn.

Dwar l-ewwel warning miktub ta' Jannar 2008 huwa jaccetta li kien fil-bar (mhux fil-kcina) jitkellem mall-barman dwar il-football, u li zelqitlu kelma hazina, izda jichad li kien hemm in-nies ghax kienu ghadhom l-10.00 ta' fil-ghodu.  Jghid li dak il-hin kien ghadu kif spicca l-breakfast u l-bar kien proprju hdejn il-kcina.  Jghid li l-warning tawhulu xi gimghatejn wara maghluq go envelope, u allura ma ntalabx jiffirmah jew li jghid jaqbilx mieghu jew le.

Dwar it-tieni warning jghid li dan inhareg kontra kull min kellu x'jaqsam mal-kcina, bil-kokijiet b'kollox, ghax ix-xoghol in generali ma kienx qed isir sew. Jghid li shabu kienu jghidu li kienu jinhargu hafna warnings ghal ta xejn b'xejn. Jghid li wara xi gimgha jew gimghatejn huwa sab xoghol simili f'lukanda ohra, imma imbaghad waqaf  wara xi sena ghax il-lukanda waqqghuha;  ghamel 3

xhur jirregistra u  fi Frar 2010 rega' qabad jahdem part-time f'lukanda ohra u baqa' hemm.

In kontroezami r-rikorrent jispjega li meta gie impjegat kienet kellmitu certa Alexandra Bogdanovic li qaltlu li kien ser ikun responsabbli mit-tindif kollu tal-kcina – imbaghad tghallem ix-xoghol minn ghand ta' qablu. Mistoqsi allura kienx ikollu jnaddaf remettar kieku xi impjegat irremetta fil-kcina, r-rikorrent jghid li qatt ma nqala' incident hekk, imma fil-kcina setghu iwaddbu barmil ilma bis-sapun fuq ir-remettar, haga li ma setghetx issir barra.  Jghid li huwa ghamel kors tal-Health and Safety u tghallem li dan it-tindif anqas suppost jaghmlu hu, imma l-cleaners.  Ir-rikorrent jichad li bhal ma zelqitlu kelma hazina fil-bar meta ma kienx irrabjat, hargulu hafna aktar kliem hazin dakinhar tal-incident tar-remettar meta l-head-waitress insistietlu li jmur inaddaf.  Jghid li l-haddiema tal-Plevna gew imgieghela jesageraw kontrih fix-xhieda taghhom f'dan il-kaz: jghid li anke Charlie Zammit qallu b'dan.

Xhed Neville Dimech li kien jahdem ta' kok fil-Plevna Hotel.  Jghid li kemm bhala *sous chef* u kemm bhala haddiem huwa ma kienx stmat, u fuq il-post tax-xoghol kienu jithallew affarijiet perikoluzi, bhal ilma tax-xita joqtor hdejn il-kcina u t-torgien.  Jghid li fil-korsijiet li ghamel tghallem li min jahdem fil-kcina ma jista' jaghmel ebda xoghol iehor barra mill-kcina fl-istess hin.  Huwa kkonferma li Ronald Azzopardi kien jihhendilja l-ikel, bhal meta gieli ppreparalu s-salads minhabba li ghal xi zmien huwa thalla bla chefs u kellu jaghmel kollox wahdu.  Jghid li meta lmenta li ma setax ilahhaq max-xoghol waqfu jgeddulu l-kuntratt tax-xoghol.    Jghid li anke l-kitchen-helpers ma kienux ilahhqu mat-tindif, pero` xorta kien iqabbadhom jghinuh fil-preparazzjoni tal-ikel biex ikun jista' jlahhaq.  Jghid li l-management kienu jafu li s-sitwazzjoni kienet hekk, u kienu anke jarawha b'ghajnejhom din il-haga. Dan ix-xhud xhed fuq hafna affarijiet irrelevant ghall-kaz, u ma seta' jghid xejn fuq l-incidenti li fuqhom ir-rikorrent qala' l-*warnings* ghaliex hu ma kienx prezenti.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal irid jistabbilixxi jekk is-socjeta` intimata kellhiex ragunijiet biz-zejjed biex tittermina l-impieg tar-rikorrent. Dwar il-*warning* ta' meta r-rikorrent kien jitkellem jghajjat fil-bar, is-socjeta` intimata ghandha ragun kompletament, ghax mhux dekor li impjegati joqoghdu jitkellmu jghajjtu f'lukanda, aktar u aktar jekk jintuza kliem vulgari.

Dwar it-tieni warning, ir-rikorrent jghid li kull min kien jahdem fil-kcina qala' dak il-warning u hadd ma lmenta ghax il-*warnings* kienu johorgu ghal ta' xejn b'xejn. It-Tribunal ma jaraxhiex kredibbli li *warnings* jinhargu ghal xejn, pero` mid-depozizzjonijiet ta' diversi xhieda jidher li l-lukanda, ghax zghira, kienet tara kif tiddobba bin-nies li jkollha. Dan kien qed iwassal biex il-haddiema jaghmlu xoghol li ma kienux impjegati biex jaghmluh, bil-konsegwenza li meta l-lukanda kienet qed tkun *under-staffed* tinholoq pressjoni indebita fuq il-haddiema. Jidher li dan kien proprju l-kaz fil-kcina meta jirrizulta li f'xi zminijiet din kienet bla Head Chef. F'dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal ghandu rizervi dwar it-tieni *warning*.

Dwar it-tielet *warning* li jirrigwarda l-incident tar-restaurant, ma harigx car jekk ir-rikorrent qalax dan il-*warning* talli m'ghamilx xogholu izda imbaghad tkecca talli kien arrogant mas-superjuri tieghu, jew jekk huwa qalax il-*warning* u anke t-tkeccija talli ma marx inaddaf kif ordnat. Anke Christine Demicoli mhix koerenti fuq xiex ezattament tkecca s-sur Azzopardi. Dan it-Tribunal ghandu ghax jifhem li r-rikorrent xejn ma kien jinzel tajjeb ma' Christine Demicoli u mal-Head Waitress Marianna Spiteri; jidher li malli sehh dan l-incident it-tnejn xtaquh jieqaf jahdem mill-lukanda. Spiteri anzi kienet tqis lir-rikorrent bhala semplici *cleaner* u kliemha juri element ta' disprezz. Jigi notat li din ma kinitx korretta fix-xhieda taghha meta kkonfermat b'certezza li r-rikorrent qatt ma mess ikel u meta xhedet li l-art tar-restaurant kien dejjem inaddafha r-rikorrent, anke matul il-gurnata. Ghalhekk ix-xhieda ta' Spiteri ser tigi kompletament skartata. Demicoli kienet aktar korretta, u ghal kull buon

fini hija anke tat lir-rikorrent opportunita` li jmur jiggustifika ruhu. Kien hawnhekk li r-rikorrent naqas bl-ikrah. Huwa jghid li Demicoli qatt ma kienet kellmitu b'daqshekk forza bhal meta cemplitlu u qaltlu biex imur il-lukanda dak il-hin stess, meta allura seta' jinduna li gara xi haga gravi hafna, irrispettivament minn jekk din tatux dettalji dwar xiex riedet tkellmu jew le. Dan it-Tribunal jasal li jifhem li meta r-rikorrent staqsiha dwar xiex riedet tkellmu, Demicoli qaltlu "dwar dak li gara l-bierah", u r-rikorrent irrispondiha li l-gurnata ta' qabel ma kien gara xejn. Irrispettivament minn x'fehem jew ma fehem ir-rikorrent, ir-rikorrent induna li nqalghet xi haga tahraq, u ghalhekk messu qabad u mar il-lukanda biex jara. Din l-attitudni tar-rikorrent turi li meta jahseb li ghandu ragun, ir-rikorrent iwebbes rasu u jibqa' ghaddej minn fuq kulhadd, anke minn fuq is-superjuri tieghu. Fi struttura kbira bhal ma hi lukanda, impjegat irid irazzan lilu nnifsu mas-superjuri tieghu, anke meta jkollu ragun. Kemm fid-decizjoni li ma jmurx inaddaf ir-remettar u kemm fid-decizjoni li ma jmurx il-lukanda biex ikellem lil Christine Demicoli, ir-rikorrent wera nuqqas ta' rispett lejn is-superjuri tieghu, u ghalhekk kien jimmerita warning iehor, anzi doppju. L-ispjega li r-rikorrent ta li huwa jitqalla' jekk inaddaf ir-remettar messu taha lil Spiteri u lil Demicoli. Ir-rikorrent f'ebda hin ma allega li huwa qalilhom b'dan dakinhar.

Fil-konfront tas-socjeta` intimata, dan it-Tribunal jirravviza nuqqas serju in kwantu din impjegat lir-rikorrent bla ma tatu kuntratt miktub *b'job description* miktuba. Dan in-nuqqas jaghti lok ghal hafna dubji u konflitti, u forsi anke suspetti. Kieku kien hemm kuntratt u *job description*, dan il-kaz kien jigi evitat ghaliex ir-rikorrent kien ikun jaf ahjar x'kien mistenni minnu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jikkonkludi li r-rikorrent irid jitghallem jirrispetta ahjar lis-superjuri tieghu u lill-ambjent li fih ikun qed jahdem; it-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet kollox ma' kollox konsentita. Pero` dan it-Tribunal jikkonkludi wkoll li dawn il-proceduri gew necessitati minhabba n-nuqqas tas-socjeta` intimata li tipprovdi lir-rikorent kuntratt tax-xoghol u *job-description* miktubin. Ghal dan, ir-rikorrent jimmeritah li jkun kumpensat nominalment.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal jikkonkludi li r-rikorrent naqas severament diversi drabi bl-imgieba tieghu u t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet inevitabbli. Pero` fil-kunflitt mas-superjuri tieghu kien hemm kontribuzzjoni negattiva mis-socjeta` intimata li naqset li tiggwida lir-rikorrent dwar id-doveri tieghu b'kuntratt miktub. Ghalhekk dan it-Tribunal qed jiddeciedi li t-tkeccija tar-rikorrent kienet frazzjonalment biss mhux gustifikata, u tenut kont ukoll li r-rikorrent sab impieg alternattiv malajr, dan it-Tribunal ser jordna kumpens nominali biss. Ghalhekk is-socjeta` Roosendaal Hotels Ltd qed tigi ordnata thallas lir-rikorrent kumpens nominali ta' hames mitt Ewro (€500) li ghandhom jithallsu sa zmien 30 gurnata mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman